## It-Tnejn, 14 ta' Diċembru 2020

Ġesù
daħal
fit-tempju,
u,
waqt li kien qiegħed jgħallem,
resqu fuqu
l-qassisin il-kbar
u x-xjuħ tal-poplu
u qalulu:
"Int
b'liema setgħa
qiegħed tagħmel
dan kollu?
U
min
tahielek
din is-setgħa?"

*Mill-Evanġelju skont San Mattew,*
*kapitlu 21, vers 23*

16

"Ġesù kien iqiegħed lilu nnifsu
għas-servizz tan-nies:
dejjem b'atteġġjament
ta' xi ħadd li jaqdi,
u dan hu li tah awtorità.
Għall-kuntrarju, id-dutturi tal-liġi
kellhom il-mentalità ta' prinċpijiet:
'Aħna l-għalliema tagħkom; aħna
ngħidulkom x'għandkom tagħmlu;
intom tobdu.'
U għalhekk,
ukoll jekk kienu jisimgħuhom
u jirrispettawhom,
in-nies ma kinux iħossu li d-dutturi
tal-liġi kellhom awtorità fuqhom."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 10 Jannar 2017

*Xi nqis*
*li jagħmilni*
*bniedem*
*ta' awtorità?*

*L-awtorità*
*li għandi*
*kif inħaddimha?*

# Li jkollok is-setgħa

It-tentazzjoni hemm qiegħda, Mulej:
li jien nuri li għandi xi awtorità
b'atteġġjamenti ta' superjorità fuq l-oħrajn;
għax huwa jien li naf l-affarijiet,
għax huwa jien li għandi f'idejja
l-istampa kollha tas-sitwazzjoni!
Għalhekk, fakkarni dejjem, Mulej,
li hija l-qalb tiegħi miftuħa għall-oħrajn
li tagħmilni awtorevoli;
li hija l-qalb tiegħi
li tagħmel l-almu tagħha
biex tħabbat ma' dik tal-oħrajn
li tagħmilni awtorevoli;
li hija l-qalb tiegħi
li bil-fatti ġġorr ġo fiha lill-oħrajn
li tagħmilni awtorevoli tassew.